MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2013

Numru. 281/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Busuttil]**

**vs**

**Francis Cutajar**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Francis Cutajar detentur tal-karta tal-identita` numru 460368(M).

Akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, fid-19 ta' Settembru 2009, f'San Pawl il-Bahar f'xi hin bejn is-sitta ta' filghaxija u l-ghaxra ta' filghaxija b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna debulizza permanenti fis-sahha

jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, jew gab difett permanenti f’parti tal-ghamla tal-gisem ta’ Elizabeth Mallia, skont ma ccertifikata Dr Stefania Chetcuti Zammit MD Reg no 5173 tal-Isptar Mater Dei.

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali inkluz l-Artikoli tal-Avukat Generali fejn talab li tinstab htija taht l-Artikoli 225 (1) u 226 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat illi l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex din il-Qorti tkompli tisma’ u taqta’ din il-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi dan si tratta ta’ incident awtomobilistiku fejn allegatament l-imputat kien ghaddej bil-karrozza tieghu fit-triq ta’ quddiem l-entratura tad-Dolmen Hotel fil-Qawra, u meta gie biex jissorpassa “mini bus”, dan laqat lill-parte civile Elizabeth Mallia li kienet ghadha kif qasmet minn mad-Dolmen ghan-naha l-ohra fejn hemm bhal speci ta’ ‘roundabout’ bil-konsegwenza li gibdilha saqajha u hija ghalhekk sofriet griehi gravi hekk kif gie certifikat mill-professur tal-ortopedija Ray Gatt (ara xhieda tieghu a fol 79 tal-process.

Illi mill-provi migjuba u senjatament mill-istqarrija tal-imputat hareg illi l-imputat waqqaf lill-mara u t-tfal ftit qabel l-entratura tal-lukanda Dolmen u quddiemu kien hemm hafna “minibuses”. Huwa jghid illi ried imur jipparkja u ghalhekk kellu jissorpassa dawn il-“minibuses”. Huwa kien ra lill-vittma fit-triq izda ghal xi raguni xorta wahda laqatha bin-naha tal-lemin tal-karrozza tieghu.

Signifikanti hija x-xhieda tal-vittma Elizabeth Mallia fejn hija xehdet illi
hija kienet hierga mid-Dolmen u kien hemm hafna konfuzjoni ta’ bagalji u “mini vans”, hija qasmet ghan-naha l-ohra u fi x’hin kienet ser tpoggi t-tieni sieq tax-xellug fuq

il-bankina l-imputat hadilha din is-sieq bil-konsegwenza li hija waqghet mal-art ghax kellha hafna ugiegh.

Rat ukoll ix-xhieda tal-imputat Francis Cutajar fejn ikkonferma li quddiem id-Dolmen kien hemm hafna tgegwigija ta' turisti u mini buses u fil-fatt meta beda jdur mar-roundabout sabiex jipparkja laqat lill-Elizabeth Mallia li kienet tielgha fuq ir-roundabout. Huwa jghid pero` illi l-vittma kienet gejja lejh tant li ma setax jevitaha.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Illi mill-provi migjuba, jirrizulta li dan hu kaz klassiku ta' "proper lookout" min-naha tal-imputat u dan ghaliex ghalkemm hemm zewg verzjonijiet tal-posizzjoni tal-parte civile ta' jekk kienitx qed thares lejh jew kif qalet hi kienet dahra lejh hi u ttella' s-sieq tax-xellug fuq ir-"roundabout", xorta jibqa' il-fatt illi l-imputat xehed illi hu kien raha taqsam u ghalhekk probbabilment meta gie biex jissorpassa lill-"minibuses", huwa kkalkula hazin meta haseb li kien ser jghaddi minghajr ma jmiss lilha.

Illi anke pero` a rigward tal-posizzjoni tal-parte civile ezatt qabel l-impatt, din il-Qorti thoss li l-verzjoni taghha kienet l-aktar wahda verosimili tenut kont tal-post fejn garrbet il-griehi u tenut kont tad-dinamika tal-incident.

Illi a sostenn ta' din it-tezi qed jigu kkwotati diversi sentenzi mill-Qorti tal-appell fuq fatti simili hafna.

Fil-fatt, fis-sentenza tal-Appell bl-ismijiet Pulizija v. Ronnie Bezzina (48/2001 deciza mill-Qorti tal-Appell) il-Qorti qalet hekk:

*"Dan huwa prova ta' nuqqas ta' "proper lookout" da parti ieghu, anke li kieku wiehed kellu jassumi, ghall-grazzja tal-argument, li Busuttil qasmet b'xi mod sgarbat u li kienet hi li baqghet diehla fil-vettura tieghu kif appena l-vettura waslet ma' genbha jew quddiemha."*

F'sentenza ohra tal-Appell per Imhallef De Gaetano bl-ismijiet ***Pulizija v. Grech Peter Paul*** (255/2006) il-Qorti qalet:

*"Issa harigx bil-mod jew ghal gharrieda, xorta jibqa' l-fatt li kien jinkombi fuq Grech li jesplora sewwa li jassigura li ma jaqsamx l-ewwel karreggjata u anqas jidhol fit-tieni wahda qabel ma jkun zgur li seta' jaghmel hekk minghajr ebda perikolu ghal hadd – la dawk gejjinmid-direzzjoni tar-Rabat u lanqas dawk sejrin fid-direzzjoni tar-Rabat. Din il-Qorti hi sodisfatta li Grech ikkalkola hazin jew id-distanza bejnu u bejn Buttigieg meta rah l-ewwel darba, jew ikkakola hazin il-velocita` li kien ghaddej biha Buttigieg u, bil-fatt li, kif ighid hu stess, hareg "bil-mod" holoq emergenza ghal Buttigieg li bil-fixxla flok baqa' ghaddej dritt u forsi kien jghaddi minn wara Grech,gibed lejn il-lemin u gie quddiemu. Fl-ahjar ipotesi ghall-appellant jista' forsi jinghad li Buttigieg kien qed isuqb'mod aljenat, pero` dan ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` tal-appellant li kellu jassigura li ma jaqsamx iz-zewg karreggjati qabel ma jkun zgur li jista' jaghmel hekk bla ebda intralc ghall-utenti taz-zewg karreggjati li kellu jidhol fihom."*

Illi ghalhekk din il-Qorti hi sodisfatta illi l-imputat naqas li jkollu "a proper lookout" meta ghamel il-manuvra ta' sorpass dakinhar tal-incident billi ma kkalkulax tajjeb f'dik il-konfuzjoni li ma kienx ser jolqot lill-parte civile li kien raha precedentement.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 225 (1) u 226 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Francis Cutajar hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u tikkundannah ghal multa ta' elfejn Ewro (EUR 2,000).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------